Qatt mort

# il-Polonja?

L-Art li tatna lil Papa Ġwann Pawlu 11
Fejn hemm is-Santwarju tal-Ħniena Divina
Fejn qiegħda midfuna Santa Fawstina
Fejn hemm il-Madonna s-Sewda
Pajjiż mimli xenarju




Ejja magħna mit-23 sat-30 t' Awissu
Ċempell lil Fr N Bonavia fuq 21454503
jew 7926 5968



# Kliem tal-Fundatur

"Meta ngħinu l-Missjoni permezz tal-Borża ta' l-Istudju, inkunu qegħdin ngħinuha f'ħajjitna, f'mewtna u wara mewtna wkoll".

"Min jagħti għall-Missjoni jkun qiegħed jislef 'l Alla".

"Ħudu sehem fil-Borża tagħna ta' l-Istudju u tkunu qed tissieħbu fil-mertu tal-Missjunarju".

"Mal-ħbieb tkellmu fuq il-Missjoni u l-Missjunarji".

"Is-Socjetà, żżom tifkira wisq għażiża ta' dawk kollha li b'xi mod jew ieħor jogħġobhom jagħtuha l-għajnuna tagħhom biex hija tista' tkompli dejjem aktar ix-xogħol qaddis tagħha li ssalva l-erwieħ".


Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl | Sant'Agata, Rabat, Malta RBT 07 Tel: 2145 4503 | Stella Maris, Żebbuġ, Gozo Tel: 2155 1159



NEWSPAPER POST
ĠUNJU 2007 | GĦADD 416
EDITUR: FR NORBERT BONAVIA MSSP




# aħna lilkom

Ħolqa bejn il-ħbieb

## San Ġorġ Preca
### u l-Qaddej t'Alla Mons Ġ De Piro

**Dawn l-aħħar ġimgħat smajna bosta affarijiet sbieħ fuq San Ġorġ Preca. Xi whud kienu ilhom jiġu ripetuti lilna għal ħafna snin. Oħrajn kienu inqas konoxxuti. Wieħed mill-fatti li ma tantx hu magħruf għandu x'jaqsam mar-relazzjoni li kien hemm bejn Dun Ġorġ u l-Qaddej ta' Alla Ġużeppi De Piro.**

Ċikku Saliba, ex Superjur Ġenerali tal-MUSEUM, kien iħobb igħid li darba fost l-oħrajn De Piro kien Ruma u meta kien hemm, giet f'idejh l-Osservatore Romano. Waqt li kien qiegħed jaqra dan il-ġurnal tal-Vatikan waqa' taħt għajnejh rakkont interessanti dwar il-qaddis Piju X. Dan il-Papa kien qiegħed jitkellem ma' xi kardinali u f'ħin minnhom staqsihom, "X'inhi l-aktar ħaġa neċessarja bħalissa biex tista' tiġi salvata s-soċjeta'?" Għal din il-mistoqsija kien hemm min wieġeb haġa u min oħra. Fl-aħħar ta t-tweġiba tiegħu Piju X nnifsu, "Dak li hu l-aktar neċessarju hu li f'kull parroċċa jkun hemm grupp ta' lajċi li jkunu virtużi, imdawlin, determinati u verament appostoliċi." Malli qara dan il-kliem tal-Papa, De Piro minn Ruma ftakar f'Dun Ġorġ u l-Opra ġdida tiegħu. Malajr qata' dik il-biċċa tal-gazzetta u bagħatha lil San Ġorġ Preca, flimkien ma' ittra ċkejkna. Fil-kelmtejn li bagħatlu qallu fost l-oħrajn. "Min jaf il-Papa hux jgħid għall-Mużewijiet tiegħek, Dun Ġorġ?"

Naħseb li kienu ta' fejda kbira għal Dun Ġorġ dawk il-kelmiet ta' De Piro! Dun Ġorġ għadda minn tbatija kbira biex seta' jwaqqaf u jissoda s-Soċjeta' tiegħu.

| fr tony sciberras mssp













# 80 sena ilu twettqet il-ħolma tal-Fundatur

**Fil-21 ta' Ġunju aħna l-MSSPs niċċelebraw it-80 sena minn meta l-Fundatur tagħna Mons. De Piro bagħat l-ewwel Missjunarju tiegħu, Fra Ġużepp Caruana, fil-missjoni. Dak inhar il-Fundatur ra l-ħolma tiegħu ssir realtà.**

Fra Ġużepp Caruana twieled nhar is-17 ta' Lulju 1891, f'Bormla. Sa minn ċkunitu ħass xewqa kbira li jingħata għal ħutu li ma kinux jafu b'Alla. Allura meta sema' li Mons De Piro kien ser iwaqqaf socjetà biex fiha jrawwem żgħażagħ li kienu jridu jsiru missjunarji, hu talab lill- Monsinjur biex idaħħlu miegħu. Fil-fatt huwa kien wieħed mill-ewwel miż-żewġ żgħażagħ li ngħaqdu mal-Fundatur biex fit-30 ta' Ġunju 1910 seta' jibda s-Soċjetà fid-Dar ċkejkna ta' San Pawl, fl-Imdina.

Fra Ġużepp ta' spiss kien jitlob biex jintbagħat il-missjoni, għalkemm hawn Malta kien qiegħed jagħmel ħafna xogħol mat-tfal iltiema fid-Dar ta' San Ġużepp, f' Santa Venera. B'din ix-xewqa f'qalbu pprova jitgħallem kull sengħa li biha 'l quddiem seta' jkun ta' għajnuna għall- oħrajn. Fil-fatt tgħallem ta' mastrudaxxa, ta' ħajjat, ta' skarpan, ta' bennej, ta' gabilott, ta' ħaddied ... u dawn is-snajja' verament ġie bżonnhom meta mar il-missjoni.

Iżda fuq kollox kienet għal qalbu dik li jagħmilha ta' tabib; hu kien igħid li b'dan ix-xogħol hu kien jista' jagħmel ġid kemm irid. Biex ikun jista' jitgħallem xi ftit din ix-xjenza, kien imur l-Isptar Ċentrali. Fra Ġużepp baqa' jistudja sakemm ħa ċ-ċertifikat tal-"First Aid".

Ix-xewqa l-kbira tiegħu ġiet maqtgħa għax fil-21 ta' Ġunju 1927 il-Fundatur bagħatu fl-Abbissinja , mal-Viċi Prefett Apostoliku, Patri Anġ. Mizzi, Kapuċċin.

It-48 sena li għadda Fra Ġużepp fil-missjoni, kienu snin li fihom ħalla eżempji sbieħ mill-aqwa. Kien bniedem li ma jaqta' qalbu minn xejn. Kien jagħmel kulma kien jeħtieġ. Fuq kollox kien jgħallem id-duttrina lit-tfal. Kulmin kien jiltaqa' ma' Fra Ġużepp kien jimtela bil-ferħ. Kien bniedem imfittex ħafna għall-pariri. Kienu jmorru għandu qassisin, reliġjużi... u anke isqfijiet. Dan kollu kien ġej, mill-għaqda li kellu m'Alla fil-quddiesa u l-meditazzjoni ta' kuljum, u fuq kollox mir-rużarju li kien igħid spiss matul il-ġurnata. Kull ftit ħin liberu li kien ikollu kont issibu quddiem Ġesu' sagramentat.





Abba Frere, kif kienu jsibuh, kien jinteressa ruħu anke fl-edukazzjoni tat-tfal. Jirrakonta Dr Brahoumi Abebe, li meta kien mietlu missieru, u ma kellu lil ħadd iżjed, il-Fra ħa ħsiebu għal ħafna snin. Għallmu l-bażiku tal-Ingliż, tat-Taljan u tal-Franċiż, u rranġalu biex ikompli javanza fl-istudju tiegħu. Biż-żmien Abebe kiseb pożizzjoni ta' responsabiltà f'pajjiżu. Fl-aħħar tas-sena li għaddiet, meta ltaqa' miegħu Fr. Silvio Bezzina mssp, Dr Brahoumi kien għadu kemm ircieva l-premju Franċiż tal-Legion of Honour għall- istudju tiegħu u l-publikazzjoni ta' dizzjunarju. Sa llum għadu jikkonsidra lil Fra Ġużepp bħala t-tieni missier tiegħu.

Fra Ġużepp qatt ma xtaq jiġi Malta, anke meta fl-1970 Fr. Tomlin, dak iż-żmien Superjur Ġenerali, offrielu jiġi ħalli jara l-iżvilupp tas-Soċjetà f'Malta, beda jibki u ma xtaqx jiġi. Għax kien jgħid, "Jien ħdimt fl-Etjopja u hawn irrid immut."

Il-funeral tiegħu, li sar fit 23 ta' April 1975, kien xhieda ta' kemm Fra Ġużepp kien maħbub. Għalih attendew tliet isqfijiet, barra għadd kbir ta' saċerdoti, patrijiet u sorijiet u numru bla għadd ta' nies. Il-qabar tiegħu jinsab fiċ-ċimiterju ta' Addis Abeba, biswit il-qabar tal-Isqof Asrat, ħabib kbir tiegħu.

Dan l-artiklu imbena fuq intervisti ma' nies li kienu jafu lil Fra Ġużepp: isqfijiet u qassisin Etjopiċi, patrijiet Kapuċċini u sorijiet Franġiskani Maltin.





**Kien bniedem li ma jaqta' qalbu minn xejn. Kien jagħmel kulma kien jeħtieġ. Fuq kollox kien jgħallem id-duttrina lit-tfal**